# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sean Scicluna)**

**vs**

**Justin Aquilina**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` Justin Aquilina, detentur tal-karta tal-identita` numru 26091M fejn ġie mixli talli

> Billi int akkuzat talli fis-sena 2016 u/jew fis-snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;
> 1. ghamilt, addattajt, ipprovdejt jew offrejt li tipprovdi xi oggett meta kont taf li dak l-oggett huwa intiz jew adattat biex jintuza fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma' frodi jew bl-intenzjoni li jintuza biex titwettaq frodi jew jassisti fl-ghemil ta' frodi;
> 2. u aktar talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, irrendejt lilek innifsek komplici ma' Christian Mark Galea ID.0014187M billi tghajt armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-eghmil tad-delitt ta' frodi u/jew falsifikazzjoni u/jew dikjarazzjoni falza lil awtorita' pubblika, meta kont taf li kellhom jiqu uzati glial dak l-iskop; u/jew b'xi mod li jkun, xjentement ghent jew assistejt lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt ta' frodi u/jew falsifikazzjoni u/jew dikjarazzjoni falza lil awtorita' pubblika fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat;
> 3. u aktar talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita'

pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tghajt taghrif falz.
4. u aktar talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat.
5. assocjajt ruhek ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li taghmel delitt f'Malta (frodi u/jew falsifikazzjoni u/jew dikjarazzjoni falza lil awtorita' pubblika) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta'sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll li tapplika l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali l-imputat stqarr li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat aktar 'il fuq.

Wara li rat l-Artikoli 392A(1) u 453(1) tal-Kodiċi Kriminali tat żmien qasir lill-imputat sabiex jirtira l-ammissjoni tiegħu u wara li reġgħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-imputat reġa' tenna li huwa ħati skont kif kien tenna ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jitrattaw il-kawża u ħadet konjizzjoni tal-argumenti tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi l-involviment tal-imputat kien jikkonsisti filli għen persuna oħra sabiex permezz ta' tliet quotations maħluqa minnu t-terz ikun jista' jibbenefika minn finanzjament ta' fondi ewropej kif ukoll li l-imputat ma bbenefikax direttament mill-istess finanzjament għalkemm għamel dan bit-tama li ma jitlifx klijent. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma kienetx qegħda tinsisti fuq piena karċerarja effettiva.

Il-Qorti semgħet ukoll l-argumenti tad-difiża fis-sens illi :

(a) fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputat irreġistra ammissjoni mill-ewwel, fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri penali;
(b) l-imputat għandu fedina penali netta;
(c) huwa kkopera mal-Pulizija matul l-investigazzjoni tagħhom;
(d) kien lest li jagħti x-xiehda tiegħu kontra terza persuna li kienet il-moħħ wara l-ħolqien tal-quotations.;
(e) li hemm l-alternattivita' bejn it-tielet u r-raba' imputazzjoni mentri hemm lok għal assorbiment tar-reati numru wieħed u ħamsa fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Rat ukoll l-ordni tagħha sabiex id-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole jipprepara relazzjoni fl-isfond tal-Artikolu 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat : -**

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet ix-xiehda ta' Rhona Custo', uffiċjal tal-Probation minn fejn irriżulta li l-imputat kien kandidat idoneju sabiex jippresta servizz fil-komunita.

# *Decide : -*

Li wara li rat l-Artikoli 17, 18, 310BA(2), 42(e) b'riferenza għall-artikoli 310BA(1), 169, 184, 188(1) u 189, 188(1), 189 u 48A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, minflok tagħti piena ta' priġunerija kontra Justin Aquilina qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.  Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-Justin Aquilina bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal tal-Probation assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq ta' l-ordni hawn fuq imsemmi.

Stante li ma jirriżultax li saru spejjeż peritali matul il-kors tal-investigazzjoni jew tal-konduzzjoni ta' dan il-każ quddiem din il-Qorti, l-istess Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum 22 ta' Frar 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'**
(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum:** ***22 ta' Frar 2017***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sean Scicluna)**

**vs**

**Justin Aquilina**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' Billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Justin Aquilina ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' (inkluzi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat iehor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-seħħ ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qegħda tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati werat li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Għalhekk, tordna li l-ħati Justin Aquilina, residenti 61, Shalom, Triq Nazju Ellul, Il-Gżira, u detentur tal-karta tal-identita` numru 26091M jagħti mitejn siegħa xogħol/servizz fil-komunita' li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita', jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha mahruga lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.
2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruga lilu mill-Uffiċjal għas-servizz fil-Komunita';
3. Li jwettaq b'mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunita f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;
4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;
5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';
6. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';
7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita';

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services u Parole,* lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tal-ordni tas-servizz fil-komunita' ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

***F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti.***

**Justin Aquilina**

**Dori Serpina,**
**Deputat Reġistratur**

**Aaron M. Bugeja,**
**Maġistrat**